# LA MADONNA DELLA NEVE — ETNA

*Ta'* Wallace Ph. Gulia

*"Alma Dei Mater Nive Candidior*
*Filios Tuere Siculos"*

O Madonna minn tal-bjuda
u tas-silġ ta' ġol-muntanji,
itlob Int għalina 'l Ibnek
ċkejken, ħlejju, ġewwa ħdanek;
o Madonna tal-muntanji
itlob biss!

Minn ħawn fuq is-sura tagħna
hekk imnikkta, hekk ħosbiena,
hemm imġarrfa qalb it-tajn,
tgħaddi kollha quddiem ħarstek
safja w siekta
u taraha tad-dnub il-ħsara
u taraha tad-dnub il-ħrara
o Madonna tal-muntanji
itlob biss!

O Madonna minn tal-bjuda
iktar safja minn tal-Etna
għajjenin u fqar u ħżiena
ġejna hawnhekk nittallbu l-ħniena;
o Madonna tal-muntanji
itlob biss!



# ANGLA TAL-HELU

*Ta'* G. Cassar Pullicino

MINN dejjem niftakarha, fil-għaxijiet, tbigħ il-ħelu fejn jieqfu l-karozzi. Mara samra, xufftejha ħoxnin, għajnejha suwed kbar imberrqin, wiċċha ftit imkemmex, xagħarha qastni magħmul balla mtella' 'l fuq u msallab. Mara qasira, imbaċċa par imsielet lanġasin tad-deheb ma' widnejha, żewġ ċrieket lixxi f'sebgħajha, liebsa dublett miġmugħ u korp meħjut bil-bluża. Nafha hemm dejjem bil-qiegħda fuq banketta, f'saqajha karkur bit-takkuna, tbigħ it-*toffee*, iċ-ċikkulata, il-ġuġu u s-sigaretti, wiċċha mdawwal bid-dawl tal-fanal imqiegħed fuq it-tilar imiss mal-ħajt tal-loġġa — ta' kuljum, xogħol u Ħdud u festi, xitwa u sajf, sħana u riħ......

Kont ili nafha s-snin, mindu mort l-iskola. U niftakar meta konna għaqqadna *team* tal-*football* fit-triq tagħna, u konna noħorġu għat-*training* fil-għaxija. konna nieqfu nixtru ċ-*chewing gum* minn għandha.

Konna nafuha lkoll. U ma nafx min ma jafhiex lil Anġla. Għax kienet mara bieżla, u tidħol għal kollox — taħsel u tgħaddi lill-Ingliżi, u nhar ta' Sibt tfarfar il-bankijiet u taħsel l-art tat-*talkies* li kien fetaħ ftit qabel, biex l-għada, il-Ħadd tidħol b'xejn għal tas-sebgħa. In-nies kienu jsibuha għal bosta xorti. Hux għandek tifla waslet għall-imsielet? Tibżax, ibgħatha għand Anġla tal-Ħelu, ittaqqbilha widnejha u teħlisha f'kemm ili ngħidlek. Inkella jmut xi ħadd? — Araha tgħin fit-tkeffin u titħollok il-Belt iġġib il-permess tal-qabar, u teħodlok ħsieb it-tisjir u ġġiblek l-ikel lest meta ma jkollok moħħ ta' xejn bil-għali. Hux għandek fenka għat-tagħmir? — Għid 'l Anġla tal-Ħelu u ħalli għaliha biex taqdik! — Inkella xi tagħqida flieles li tfarfru u fosthom hemm is-sriedak? — Ibgħathomlha u ssewwilhomlok bħalli kieku xejn! Basta tnewlilha xi ħaġa f'idha, għax għalxejn ħadd ma jagħmel xejn, igħid qaddisha. Mela kieku daqs dak ġiri u taħbit, għalfejn tiekol ilsienha meta toħtob u ssamsar xi dar għall-bejgħ jew xi kirja ta' dar *furnished*? Mhux għalhekk ukoll kull fejn tmur tħawtel xi ħaġa.